MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 237/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eugenio Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Eugenio Agius (u ohrajn) talli:

1) F’dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, ittraffikaw persuni ta' l-eta` cioe` Marina Morozova u Natalia Genrihovna bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni, billi taw jew ircievew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra;

2) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2004, u fix-xhur precedenti b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita` barranija;

b) zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3) talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministazzjoni ta' dar jew fond Ramla Lodge Guesthouse, Marsascala, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-pieni applikabbli tordna r-revoka tal-licenzji kollha mahrugin fuq ir-Ramla Lodge Guesthouse;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellat (allura imputat) sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal perijodu ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' snin taht ordni ta' supervizjoni mill-ufficjali tal-probation, kif ukoll ghal multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza, billi tikkonferma l-htija u tirrevoka l-piena karcerarja sospiza u minflok tinfliggi l-piena karcerarja effettiva itwal;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tad-19 ta' Settembru 2006 li permezz tagha gew michuda l-

eccezzjonijiet preliminari kollha sollevati mill-appellat bin-nota tieghu ta’ l-10 ta’ Marzu 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tal-psikjatra Dr. Joseph Cassar, ta’ l-ufficjal tal-*probation* Ivan Sultana, ta’ l-appellat u ta’ l-Ispettur Louise Calleja;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali huwa dwar il-piena peress illi jghid illi l-piena ma tirriflettix il-gravita` tal-kaz u minflok sentenza ta’ prigunerija sospiza kellha tkun sentenza ta’ prigunerija effettiva. Barra minn hekk isostni illi in vista tal-kaz u tal-fedina penali ta’ l-appellat, il-piena karcerarja kellha tkun itwal u jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Grima** [recte: **Grech**] deciza fit-28 ta’ Ottubru 2004.

Dwar il-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas jew, f’dal-kaz, aktar minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Issa mill-atti jirrizulta illi l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu fl-istess jum li tressaq akkuzat kif fuq indikat. Jirrizulta illi l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u applikat l-piena ghar-reat l-aktar gravi, cioe` dik ghar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, li hija ta’ prigunerija ghal zmien minn sentejn sa disa’ snin biex setghet tapplika l-piena minima ta’ sentejn prigunerija mbaghad ghaddiet biex tissospendi l-

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

ezekuzzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet moghtija minnha fis-sentenza appellata. Dan setghet taghmlu fid-diskrezzjoni taghha, diskrezzjoni li din il-Qorti wara li ezaminat l-atti u semghet ix-xhieda, ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tiddisturba.

Huwa minnu li r-reati in kwistjoni huma reati serji izda, apparti l-ammissjoni bikrija tassew ta' l-appellat, iridu jigu kkunsidrati wkoll is-segwenti fatturi: ix-xiehda ta' l-appellat fil-konfront ta' persuna ohra, il-fatt li kien iddezista minn jeddu mill-agir illegali tieghu qabel ma gie arrestat, il-htiega li ghandu ta' kura psikjatrika u r-rakkommandazzjoni maghmula mill-ufficjal tal-*probation* Ivan Sultana. Sentenza sospiza ta' prigunerija b'ordni ta' supervizjoni tkun tfisser illi l-appellat ikun jista' mhux biss ikompli l-kura psikjatrika li qieghed jiehu fil-komunita` izda tkun tfisser ukoll illi bl-ghajnuna ta' l-ufficjal sorveljanti jirrejalizza s-serjeta` tar-reati minnu mwettqa u l-htiega li jibqa' mbieghed minn kull generu ta' attivita` kriminali anke fl-interess ta' uliedu li ghandhon problemi partikolari u jirrekjedu l-prezenza ta' l-appellat fil-familja. Bhall-ewwel Qorti din il-Qorti hija propensa illi taghti lill-appellat din l-ahhar opportunita` sabiex juri li huwa lest jimxi fit-triq it-tajba u tammonieh illi jekk jonqos milli jikkonforma ruhu ma' xi htiega fl-ordni ta' supervizjoni, hija tkun tista' tordna li s-sentenza sospiza tibda fis-sehh.
Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u, ghall-finijiet ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9, tordna li jaghmel tajjeb l-ordni ta' supervizjoni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellat ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------